TRIBUNAL GĦAL TALBIET TAL-KONSUMATUR

CONSUMER CLAIMS TRIBUNAL

MALTA

Avviż Numru CCT 138/19/F

**Jennifer Bonnici**

**vs**

**Spoons**

Illum, 28 ta' Jannar, 2020

**It-Tribunal**

Wara li ħa konjizzjoni tal-Avviż fl-ismijiet fuq premessi ppreżentati fis-7 t'Ottubru, 2019 fejn ir-rikorrenti talbet danni ta' sebgħa u erbgħin Ewro (€47), rappreżentanti l-prezz ta' fan illi ma baqax jaħdem.

Is-soċjeta' ntimata ssottomettiet risposta bil-miktub għal din it-talba, u attendiet għas-seduta.

Illi wara li sema' x-xhieda ġuramentata tar-rikorrenti li hija l-istess rikorrenti, u wara li sema' x-xhieda tas-soċjeta' ntimata li hija rappreżentanta tas-soċjeta' ntimata, u wara li ħa konjizzjoni tal-fatti kif ukoll taċ-ċirkostanzi kollha tal-każ;

**Ikkunsidra s-segwenti:**

Ir-rikorrenti ssottomettiet bil-miktub illi hija kienet xtrat fan mingħand is-soċjeta' ntimata għall-prezz ta' sebgħa u erbgħin Ewro (€47), pero' dan il-fan ma ħadimx u għalhekk ħaditu għat-tiswija.

L-intimat issottometta li l-*winding* tal-mutur kellu daqqa, b'tali mod li l-*wires* ta' parti mill-*winding* fejn hemm id-daqqa kienu mqattgħin, u li hekk dan il-fan qatt ma seta' jaħdem.

Għal dan il-fatt it-Tribunal, wara li sema' lill-partijiet, qed jikkonsidra li fan ġdid m'għandux isirlu din il-ħsara anke jekk sar b'xi aċċident.

**Għal dawn il-motivi:**

It-Tribunal, qed jilqa' t-talba tar-rikorrenti, u jordna lis-soċjeta' ntimata tħallas lir-rikorrenti l-ammont ta' sebgħa u erbgħin Ewro (€47), u b'dan illi l-fan jiġi propjeta' tas-soċjeta' ntimata wara li jsir il-ħlas, u bl-ispejjeż kontra l-istess soċjeta' ntimata.

**Avv Martin Fenech**
**Arbitru**

47A, SOUTH STREET, VALLETTA VLT 1101 – MALTA
TELEPHONE: (+356) 21227070. FAX: (+356) 21239888